KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 23 Tlieta 29 ta' Settembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:08 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda B. Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Shirley Abela – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija, tal-Kunsilliera Abela, Micallef u Gatt. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 22
REF: 21.3.2 Kommunikazzjoni-Extension Change Request Review Board Decision Measure 4.4
Il-Kunsillier Cassar staqsa kif mhux ħa jsiru l-ħitan tas-sejjieħ tal-Bidnija, meta kien hemm qbil li parti biss ma kellniex nagħmlu. Is-Sindku nfurmat li rċevejna petizzjoni għax kien hemm min ma riedx li jintmesslu l-ħitan, u għalhekk kien aħjar li nmexxu l-fond kollu fuq dawk il-ħitan li applikajna għalihom. Il-Perit tal-Kunsill qabel li din iż-żona hija sensittiva u jkun ġust li l-fond li kien ser jintuża għar-restawr tal-ħitan fil-Bidnija, minflok jintefqu fuq San Pawl tal-Qlejja peress li għalkemm l-applikazzjoni kienet għal *repairs*, jidher illi din il-parti hemm bżonn re-kostruzzjoni.

Il-membri preżenti talbu biex il-Perit tal-Kunsill jipprovdi *breakdown* ta' x'sar xogħol u kemm infaqna sa issa, peress li hemm qabża fil-prezz bejn l-ewwel BOQ u tieni BOQ ta' San Pawl tal-Qlejja, u għalxiex San Pawl tal-Qlejja mhux ser jitranġa l-ħajt imma ser isir *reconstruction.*

REF: 22.3.8 Kommunikazzjoni - Kwotazzjoni għall-instalazzjoni ta' CCTV cameras
Il-Kunsillier Cassar nforma li tkellem ma Sa. Coppola u qed jikkordinaw flimkien biex jkun hemm stimi oħra.

REF: 22.3.7 Kommunikazzjoni - Bieb Ċentru Ċiviku
Il-Viċi Sindku staqsa li nistaw naqilaw il-bieb biex nkunu *compliant* mas-CRPD. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-bieb *compliant*, imma hija r-rampa li hemm bżonn.

Saret diskussjoni u s-Sindku nfurmat li l-Lands għandhom skema biex jitranġaw iċ-ċentri tagħhom, u għalhekk ħa ssir talba lil-Lands tax-xogħol li hemm bżonn jsir fiċ-ċentru ċiviku, inkluż li jinbidel il-bieb taċ-ċentru ċiviku għal-wieħed *sliding* bis-*sensor.*
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex issir talba lil-Lands biex għalissa jinqala li bieb taċ-ċentru ċiviku.

REF: 22.4.2 PPP
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li ntbagħtet emejl dwar din il-materja, fejn nfurmat lil Kunsilliera li fadal pagament wieħed ta' €7,480.00.

REF: 22.5.2 Update- Ingaġġ ta' skrivan Skala 15
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għal-*interviews* attendew 4, u ntgħażel is-Sur Shaun Theuma Marshall. Għal ingaġġ ta' impjegat mil-Community Inclusive Employment Scheme attenda applikant 1, u ntgħażel is-Sur Christian Camilleri.

REF: 22.5.3 Evaluation of Tender KLMT-04-2020 - Services of a Contracts Manager for the Mosta Local Council
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bdejna nevalwaw dan it-tender, li jrid jsir b'reqqa għax ma l-ewwel parti tal-evalwazzjoni sibna li hemm min hu *over budget* kif wkoll *under budget*.
Saret diskussjoni u l-membri preżenti unanimament approvaw biex dan it-tender jitwaqqa' u jerġa jinħareġ jekk kemm il-darba dawk li huma *under budget* jgħaddu, għax ma jistax jkun li dan is-servizz jinħadem bi prezzijiet baxxi ta' bejn 30,000 u 40,000 Ewro għal 4 snin.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 22 .

23.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

23.3.1- Kommunikazzjoni - Mosta Bus Terminus Proposal
Is-Sindku preżentat il-proposta ta' Street Media Malta, biex jinbnew Bus Shelters ġodda min din il-kumpanija.

Il-Kunsillier Cassar spjega li l-*bus shelter* li hawn ġol pjazza kien mitluq, u meta pruvajna nagħmlu kuntratt mas-CMYK, irċevejna oġġezzjoni mingħand Steelshapes li kien suppost qed jieħu ħsieb il-*bus shelter*, u l-avukat tal-Kunsill ikkonferma li kien hemm terminu ta' notifikazzjoni biex jitwaqqaf kuntratt.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti unanimament m'approvawx din il-proposta ta' Street Media Malta.

### 23.3.2 Kommunikazzjoni - Suġġeriment biex t'issemma Triq għall-iskultur Ganni Bonnici
Is-Sindku ressqet suġġeriment ta' resident biex t'issemma triq għall-iskultur Ġanni Bonnici.
Il-membri preżenti ħadu nota tas-suġġeriment.

### 23.3.3 Kommunikazzjoni - Ilma Belvale Apartments fi Vjal Ragusa
Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li rċeviet ittra fejn residenti ta' Belvale Apartments qed jżommu lil Kunsill responsabbli għax daħlilhom l-ilma fil-garaxxijiet. Jidher li din il-problema bdiet min meta nbniet il-blokka Belavale Apartments, għax qabel qatt ma kien hemm problema ta' ilma dieħel ġo proprjetajiet privati.

Il-Kunsillier Cassar nforma li *culvert* hemm, u kif spjegat is-Sindku dawn ħa jitnaddfu fil-jiem li ġejjen bħalma jsir kull sena, u għalhekk m'għadux għalfejn jkun responsabbli l-Kunsill, mod speċjalment jekk din il-problema nħolqot issa, min meta nbniet il-blokka Belavale Apartments.

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li skont ir-ritratti li ntbagħtu min residenta, l-ilma mhux dieħel min ġor-rampa tal-garaxx. Ir-raġunament tar-residenti huwa li t-triq qegħda benniena fuq in-naħa tal-binja, il-*culverts* ma jlaħħqux, hemm ritratti ta' spralli miftuħin biex juru li huma maħmuġin, u video ta' ilma dieħel min ġol ħajt.

Il-membri preżenti qablu li peress li fi żmien jumejn ħa jitnaddfu il-*culverts* bħalma jsir kull sena, u għada ma għamlitx xita min dak in-nhar li sar l-ilment, nistennew u naraw jekk jerġax jidħol l-ilma wara li jsir it-tindif. Jekk terġa tinqala l-problema, l-Perit tal-Kunsill għandu jifformula ittra ta' risposta.

### 23.3.4 Kommunikazzjoni - Triq il-Parroċċa
Is-Sindku nfurmat li għadhom jitressqu problemi min residenti fi triq il-Parroċċa, u għalhekk ħa ssir proposta biex jsiru *bollards* fejn ir-residenti aċċettaw li tkun bi prova ħa naraw kif se mmorru. Il-Kunsilliera Bonnici spjegat li l-problema prinċipali hija għax m'hemmx bankini, u vetturi qed jagħlqu il-bibien tar-residenti meta jipparkjaw, fejn każ riċenti huwa ta' anzjana li ma setgħetx toħroġ mid-dar. Il-Kunsilliera Bonnici żiedet tgħid li l-akbar problema hija filgħaxija għax matul il-ġurnata uffiċjali tal-LESA jagħmlu ronda u jwaħħlu ċ-ċitazzjonijiet.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu ma din il-proposta, u l-Viċi Sindku ħa jifformula ittra u pjanta tal-proposta li qed ssir. Is-Sindku żiedet tgħid biex fl-ittra nżidu biex min jixtieq jiddiskuti l-proposta jista' javviċina lis-Sindku meta tkun l-uffiċju is-Sibt.

### 23.3.5 Kommunikazzjoni - Xogħol u Manutenzjoni tal-Gvern Ċentrali
Is-Sindku fakkret lil-membri preżenti dwar id-diskussjoni li saret fuq ċertu xogħol jekk għandux jsir mil-Kunsill jew le, fejn jkun responsabiltà tal-Gvern Ċentrali.
Is-Sindku nfurmat fil-każ tal-*culverts* li mhumiex responsabiltà tal-Kunsill, Il-Kunsill kien qabel li dawn jitnaddfu bil-*power wash* għax il-Gvern Ċentrali jiknishom biss, u b'din id-deċiżjoni li l-Kunsill ħa, ibbenefikaw bosta residenti.

Is-Sindku żiedet tgħid li rridu niddistingwu x'inhu responsabiltà tal-Kunsill u dak li mhux dejjem fejn jidħol responsabiltajiet tal-Gvern Ċentrali u mhux tal-privat. Għalhekk, fejn jidħlu

każijiet li jistaw jkunu ta' periklu, u suppost jsiru mil-Gvern Ċentrali, l-Kunsill għandu jintervjeni hu għas-sigurtà tar-residenta u sewwieqa.

Saret diskussjoni, u l-membri preżenti qabli li fejn jidħol il-privat dawn ħa tintbagħatilhom ittra reġistrata, u jinżammu responsabbli, jekk ma jkunx hemm koperazzjoni tintbagħat bl-avukat. Fejn jidħlu affarijiet li huma responsabiltà tal-Gvern Ċentrali, li jistaw jkunu ta' periklu, l-ewwel tintbagħat ittra lid-dipartiment ikkonċernat, qabel ma jidħol jagħmel ix-xogħol il-Kunsill.

Fid 8:50pm il-membri preżenti qablu li l-ħin tal-laqgħa tiżdied bi kwarta sad 9:15pm.

23.3.6 Kommunikazzjoni - Winter Proposal TCTC

Is-Sindku nfurmat li rċevejna il-proposta annwali li jibgħat it-TCTC dwar korsijiet offruti lil-komunità għax xitwa min 2020 sa 2021. Minħabba is-sitwazzjoni COVID-19 dawn ser jsiru *online*.

Il-membri preżenti staqsew jekk dawn il-korsijiet hux ħa jsiru *live* jew rekordjati. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

Fit8:52 il-Kunsillier Zerafa talab biex jiġi skużat għax kellu bżonn jitlaq.

23.3.6 Kommunikazzjoni – Telephone box biex titneħħa faċċata tal-Iceland fi triq il Kostituzzjoni

Il-membri preżenti approvaw li din it-telephone box titneħħa.

23.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

23.4.1 Tender Non-Urban

Il-membri preżenti unanimament approvaw li jinħareġ tender għal servizzi ta' non-urban peress li qed jintefqu bosta flus f'*direct orders*.

23.4.2 Triq il-Bajtar

Il-membri preżenti unanimament qablu li din it-triq tkun *one-way* titla l-fuq.

23.4.3 Triq l-Oratorju

Il-membri preżenti qablu biex din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

23.5 Rapporti

23.5.1 Update Ingaġġ ta Skrivan Skala 15 u Ingaġġ CIES

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-interviews saru nhar Tlieta 22 ta' Settembru 2020
u attendew 4 applikanti fuq skala 15, u ntgħażel is-Sur Shaun Theuma Marshall.
Ma dawn l-*interviews* sar wkoll l-*interview* tal-applikant għal-Community Inclusive Employment Scheme, u ntgħażel is-Sur Christian Camilleri.

23.6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

23.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 108.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 8 ta' Settembru sad-29 ta' Settembru 2020.

23.6.2 **Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

23.6.3 **Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

## 23.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:10 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għas-27 t'Ottubru 2020.

Konfermati llum 29 ta' Settembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |